Nru./No. 21,447
Prezz/Price
€7.20

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 30 ta' Mejju, 2025
Friday, 30th May, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7209 - 7229
Government Notices ..... *7209 - 7229*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7229 - 7238
Police Notices ..... *7229 - 7238*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7238 - 7241
Notices to Mariners ..... *7238 - 7241*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7242 - 7296
Employment Opportunities ..... *7242 - 7296*

Avviżi tal-Gvern ..... 7296 - 7310
Notices ..... *7296 - 7310*

Offerti ..... 7310 - 7319
Tenders ..... *7310 - 7319*

Avviżi tal-Qorti ..... 7319 - 7364
Court Notices ..... *7319 - 7364*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 838

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT TAL-ISTAT

BIS-SETGĦAT mogħtija bl-Artikolu 91A(1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approvat il-ħatra bħala Aġent Avukat tal-Istat ta' Dott. Andria Buhagiar, Deputat Avukat tal-Istat, mit-2 ta' Ġunju, 2025 sal-4 ta' Ġunju, 2025.

It-30 ta' Mejju 2025

Nru. 839

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, 29 ta' Mejju, 2025, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 836 tat-28 ta' Mejju, 2025, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-29 ta' Mejju, 2025
(OPM/19/2022)

Nru. 840

ĦATRA TAL-BORD TAL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, kif ġej:

President
Is-Sur George Borg

Membri
Is-Sur Emanuel k/a Noel Abela
Is-Sa Sharon Bond
Dott. Karen Carachi
Is-Sa Marietta Cassar
Is-Sa Amanda Grech
Is-Sur Saviour Grima
Is-Sur Nicholas Saliba
Is-Sur Stephen Rizzo

GOVERNMENT NOTICES

No. 838

APPOINTMENT OF ACTING STATE ADVOCATE

IN exercise of the powers conferred by Article 91A(1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting State Advocate, of Dr Andria Buhagiar, Deputy State Advocate, with effect from 2nd June, 2025 until 4th June, 2025.

30th May, 2025

No. 839

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Thursday, 29th May, 2025, and that the arrangements made by Government Notice No. 836 of the 28th May, 2025 ceased to have effect accordingly.

29th May, 2025

No. 840

APPOINTMENT OF THE BOARD OF THE FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

IT is notified for general information that the Prime Minister has approved the appointment of the Board of the Foundation for Social Welfare Services, as follows:

President
Mr George Borg

Members
Mr Emanuel k/a Noel Abela
Ms Sharon Bond
Dr Karen Carachi
Ms Marietta Cassar
Ms Amanda Grech
Mr Saviour Grima
Mr Nicholas Saliba
Mr Stephen Rizzo

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-23 ta' Mejju, 2025.

It-30 ta' Mejju, 2025

Nru. 841

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta

Camenzuli, is-Sur Gabriel – Counsellor, Missjoni Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda, Ġinevra, L-Iżvizzera

Fenech, is-Sur Mark – Second Secretary, Ambaxxata tar-Repubblika ta' Malta, Beijing, Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

Ghigo, is-Sur Albert – Counsellor, Missjoni Permanenti ta' Malta għan-Nazzjonijiet Magħquda, New York, L-Istati Uniti tal-Amerika

Sacco, is-Sa Mariel – First Counsellor, Ambaxxata tar-Repubblika ta' Malta, Dublin, Ir-Repubblika tal-Irlanda

Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi

Zerafa, is-Sa Denise – Uffiċjal Eżekuttiv, Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, Identità

Avukati

Micallef Formosa, Dott. Sabrina

Prokuraturi Legali

Camilleri, is-Sur Paul

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

It-30 ta' Mejju, 2025

MJEG21/2020/4

These appointments are for a period of one year with effect from 23rd May, 2025

30th May, 2025

No. 841

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Camenzuli, Mr Gabriel – Counsellor, Permanent Mission of Malta to the United Nations, Geneva, Switzerland

Fenech, Mr Mark – Second Secretary, Embassy of the Republic of Malta, Beijing, The People's Republic of China

Ghigo, Mr Albert – Counsellor, Permanent Mission of Malta to the United Nations, New York, The United States

Sacco, Ms Mariel – First Counsellor, Embassy of the Republic of Malta, Dublin, Republic of Ireland

Public Officers/Public Employees

Zerafa, Ms Denise – Executive Officer, Gozo Public Registry, Identità

Advocates

Micallef Formosa, Dr Sabrina

Legal Procurators

Camilleri, Mr Paul

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

30th May, 2025

Nru. 842

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MARSA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija fil-Marsa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 842

NUMBERING OF DOORS AT IL-MARSA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Il-Marsa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IL-MARSA

1. TRIQ IL-BINI TAL-VAPURI
2. TRIQ IL-KARRISTI

1. TRIQ IL-BINI TAL-VAPURI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq ix-Xwieni

Left side entering from Triq ix-Xwieni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
49 (Garaxx)	1
51 (Garaxx)	3
Zibri (Garaxx)	5
Garaxx	7
Grada	9
Grada	11

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq ix-Xwieni

Right side entering from Triq ix-Xwieni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2
Gootopia	4
Garaxx	6
Bieb bla numru	8
Febrilea (Garaxx)	10
Sit bla bini	12
Sit bla bini	14
Sit bla bini	16
Garaxx	18
Sub-Station	20
Daħla għall-garaxxijiet	22
Tuuci (Ħanut)	24

2. TRIQ IL-KARRISTI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bini tal-Vapuri

Left side entering from Triq il-Bini tal-Vapuri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Sit bla bini	3
Sit bla bini	5
Bieb bla numru	7
Garaxx	9
Garaxx	11
A. Ferriggi (Garaxx)	13
A. Ferriggi (Garaxx)	15
Identità (Uffiċċju)	17

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bini tal-Vapuri

Right side entering from Triq il-Bini tal-Vapuri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Identità (Uffiċċju)	19
Garaxx	21
Garaxx	23
Garaxx	25
Garaxx	27
Garaxx	29
Joseph Bezzina (Garaxx)	31
Garaxx	33
Garaxx	35
Garaxx	37
Bieb bla numru	39
Garaxx	41
Garaxx	43
Garaxx	45
Garaxx	47
Garaxx	49
Garaxx	51
Shutter	53

It-30 ta' Mejju, 2025

30th May, 2025

Nru. 843

No. 843

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 917 tat-3 ta' Settembru, 2010, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birżebbuġa', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 917 dated 3rd September, 2010, under the title 'Renumbering of doors at Birżebbuġa', the following amendment in **bold** should be made.

BIRŻEBBUĠA

1. TRIQ IL-KITARRISTI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Merżuq

Left side entering from Triq il-Merżuq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Merżuq

Right side entering from Triq il-Merżuq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	34
Sit bla bini	36-42
15	44

għandha tinqara

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
34 (Garaxx)	34
Sit bla bini	36-40
Lash Lounge & Beauty Salon (Ħanut)	**42**
44 (Dar)	44

It-30 ta' Mejju, 2025

30th May, 2025

Nru. 844

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 235 tat-2 ta' April, 1993 u 763 tas-6 ta' Ġunju, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 844

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 235 dated 2nd April, 1993 and 763 dated 6th June, 2023, under the title 'Numbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

TRIQ IL-LIEDNA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Karmelitani

Left side entering from Triq il-Karmelitani

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	209
217 (Garaxx)	217
219 (Garaxx)	219
Garaxx	221

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Karmelitani

Right side entering from Triq il-Karmelitani

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

* *In-numri 211, 213 u 215 ma ntużawx peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament.*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
209 (Daħla għall-garaxxijiet)	209
Garaxx	**211**
Garaxx	**213**
Signature Suites (Flettijiet)	**215**
Garaxx	**217**

* *In-numri 219 u 221 mhux se jintużaw minħabba ammont inqas ta' bibien li nfetħu bl-iżvilupp il-ġdid.*

It-30 ta' Mejju, 2025

30th May, 2025

Nru. 845

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 667 tas-26 ta' Lulju, 2002, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Luqa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 845

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 667 dated 26th July, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Luqa', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL FARRUĠ, ĦAL LUQA

9. TRIQ ID-DAQQUQA KAĦLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħal Farruġ

Left side entering from Triq Ħal Farruġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	43

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħal Farruġ

Right side entering from Triq Ħal Farruġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	45		
Garaxx	47		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
43	43		
44, Glossy Ibis Apt, Flat 1	**45**		
Garaxx	**45A**		
45 (Garaxx)	**45B**		
47 (Garaxx)	47		

57. TRIQ IS-SARSELLA ĦAMRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tal-Vitorja

Left side entering from Triq Tal-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tal-Vitorja

Right side entering from Triq Tal-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	2
44, Padova	4

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
El Nido	**2**
2 (Garaxx)	**2A**
4, Padova	4

It-30 ta' Mejju, 2025

Nru. 846

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKALA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 422 tal-10 ta' Mejju, 2002, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Marsaskala', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

30th May, 2025

No. 846

NUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 422 dated 10th May, 2002, under the title 'Renumbering of doors at Marsaskala', the following amendments in **bold** should be made.

MARSASKALA

TRIQ THOMAS ASHBY

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Katakombi

Left side entering from Triq il-Katakombi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Katakombi

Right side entering from Triq il-Katakombi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	18

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bini qed jinbena (Dar)	20
		Bini qed jinbena (Dar)	22
		Pagella	24

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		18 (Garaxx)	18
		Paeman Court, Mais 1	**20**
		Paeman Court	**22**
		24, Pagella	24

It-30 ta' Mejju, 2025

Nru. 847

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'PAOLA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 410 tal-1 ta' Ġunju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Paola', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

30th May, 2025

No. 847

NUMBERING OF DOORS AT PAOLA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 410 dated 1st June, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Paola', the following amendments in **bold** should be made.

PAOLA

38. TRIQ IL-VITTMI TAX-XOGĦOL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Wied Blandun

Left side entering from Triq Wied Blandun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1
Sit bla bini	3
Sit bla bini	5
Sit bla bini	7
Bieb ta' wara	9
Garaxx	11
Garaxx	13
Sit bla bini	15
Bieb ta' wara	17
Sub-Station	19
Sit bla bini	21
Sit bla bini	23
Garaxx	25
26, Albatross	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Wied Blandun

Right side entering from Triq Wied Blandun

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1		
Sit bla bini	3		
9	**5**		
11 (Garaxx)	**7**		
13 (Garaxx)	**9**		
Sit bla bini	**11**		
Sit bla bini	**13**		
17 (Bieb ta' wara)	**15**		
19 (Sub-Station)	**17**		
Sit bla bini	**19**		
Sit bla bini	**21**		
Garaxx	**23**		
Gesmin Court	**23A**		
Garaxx	**23B**		
Garaxx	**23C**		
Sit bla bini	**25**		
27, Albatross	27		

It-30 ta' Mejju, 2025

Nru. 848

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA LUĊIJA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 789 tad-9 ta' Diċembru, 1994, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Santa Luċija', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

30th May, 2025

No. 848

NUMBERING OF DOORS AT SANTA LUĊIJA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 789 dated 9th December, 1994, under the title 'Renumbering of doors at Santa Luċija', the following amendment in **bold** should be made.

SANTA LUĊIJA

TRIQ GĦENEB ID-DIB

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Katerina Vitale

Left side entering from Triq Katerina Vitale

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Katerina Vitale

Right side entering from Triq Katerina Vitale

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	18
Grada	20
Grada	22

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		18 (Garaxx)	18
		Garaxx	**20**

** In-numru 22 mhux se jintuża peress li nstab li hemm inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament.*

It-30 ta' Mejju, 2025

30th May, 2025

Nru. 849

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotja tal-Gvern fuq xiri ta' Roti, fuq il-konverżjoni ta' Roti għal Pedelecs, u Installazzjoni ta' Racks tar-Roti u/jew Faċilitajiet Anċillari u/jew Stazzjonijiet ta' Tiswija

IL-MINISTERU għat-Trasport, Infrastruttura, u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotja finanzjarja immirata sabiex tippromwovi l-attività fiżika u mobbilità attiva permezz tal-inizjattivi li ġejjin:

1. Ix-xiri ta' rota waħda minn persuni residenti f'Malta;

2. Ix-xiri ta' roti minn impriżi stabbiliti f'Malta, Organizzazzjonijiet Volontarji u entitajiet bil-ħsieb li joffruhom għall-kiri;

3. Il-konverżjoni ta' roti għal pedelecs minn persuni residenti f'Malta jew impriżi stabbiliti f'Malta jew Kunsilli Lokali jew entitajiet jew Organizzazzjonijiet Volontarji;

4. L-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew faċilitajiet anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija minn impriżi stabbiliti f'Malta, Organizzazzjonijiet Volontarji, entitajiet, u Kunsilli Lokali.

L-iskema hija effettiva mill-1 ta' Jannar 2025 u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2025, jew sakemm il-baġit allokat ta' mitejn elf Ewro (€200,000) jiġi eżawrit.

L-għotjiet f'din l-iskema għandhom jiġu assenjati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' din l-għotja, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'Applikant' tfisser kwalunkwe:

persuna residenti Malta li tixtri rota;
impriża stabbilita f'Malta, organizzazzjoni volontarja, entità jew Kunsill Lokali li tixtri rota waħda jew aktar bil-ħsieb li joffruhom għall-kiri;
persuna residenti Malta, impriża stabbilita f'Malta, organizzazzjoni volontarja, entità jew Kunsill Lokali li tikkonverti rota għal pedelec;

No. 849

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND PUBLIC WORKS

Government Grant on the purchase of Bicycles, on the conversion of Bicycles to Pedelecs, and the Installation of Bicycle Racks and/or Ancillary Facilities and/or Repair Stations

THE Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works, together with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at promoting physical activity and active mobility through the following initiatives:

1. The purchase of one bicycle by persons residing in Malta;

2. The purchase of bicycles by undertakings established in Malta, Voluntary Organisations, and entities with the intention of offering them for hire;

3. The conversion of bicycles to pedelecs by persons residing in Malta or undertakings established in Malta or Local Councils or entities or Voluntary Organisations;

4. The installation of bicycle racks and/or ancillary facilities and/or repair stations by undertakings established in Malta, Voluntary Organisations, entities, and Local Councils.

The scheme is effective as of 1st of January 2025 and closes on 31st of December 2025, or until the allocated budget of two hundred thousand Euro (€200,000) is exhausted.

The grants in this scheme shall be assigned on a first-come-first-served basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this scheme, unless the context otherwise requires:

1.1. 'Applicant' means any:

person residing in Malta who purchases a bicycle;
undertaking established in Malta, voluntary organisation, or entity that purchases one or more bicycles with the intention to offer them for hire;
person residing in Malta, undertaking established in Malta, voluntary organisation, entity or Local Council that converts a bicycle to pedelec;

impriża stabbilita f'Malta, organizzazzjoni volontarja, entità jew Kunsill Lokali li tinstalla rack tar-roti waħda jew aktar u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjon tat-tiswija f'postijiet pubbliċi jew fil-bini tal-applikant;

1.2. 'Applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'Awtorità tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.4. 'Entità tfisser entità stabbilita f'Malta li mhix la impriża u lanqas organizzazzjoni volontarja u li mhix ikkontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjati permezz ta' fondi pubbliċi, bħal skejjel privati jew tal-knisja;

1.5. 'Għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

1.6. 'Impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva;

1.7. 'Impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f' intrapriża oħra.

b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt li taħtar jew li tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra.

c) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew statut ta' assoċjazzjoni tagħha.

d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri ta' dik l-intrapriża , maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu wkoll bħala impriża waħda.

1.8. 'Irċevuta Fiskali' tfisser irċevuta kif definita fit-Tlettax-il Skeda -ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta), u tinkludi wkoll kull regolament magħmul bl-istess Att;

undertaking established in Malta, voluntary organisation, entity or Local Council that installs one or more bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair station within a public location or within the premises of the applicant;

1.2. 'Application' means the application made for a grant under this scheme;

1.3. 'Authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta);

1.4. 'Entity' means an entity established in Malta which is neither a business undertaking nor a voluntary organisation and which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds, such as private and church schools;

1.5. 'Grant' means the grant being given under this scheme to an applicant that satisfies the requirements of section 4;

1.6. 'Undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation or a cooperative society;

1.7. 'Single undertaking' means, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association;

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking;

1.8. 'Fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax Act (Cap. 406 of the Laws of Malta), and also includes any regulation made by the same Act;

1.9. 'Kunsill Lokali' tfisser kunsill lokali stabbilit taħt l-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.10. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

1.11. 'Nefqa kapitali' tfisser nefqa relatata max-xiri u l-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew faċilitajiet anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija;

1.12. 'Organizzazzjoni Volontarja' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.13. 'Persuna' tfisser persuna fiżika u ma tinkludi l-ebda entità organizzattiva;

1.14. 'Persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju għall-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol;

1.15. 'Pedelec' tfisser rota li taħdem bil-pedali u bl-elettriku u li l-mutur tagħha jiġi attivat immedjatament kif is-sewwieq jibda jdawwar il-pedala u jitwaqqaf hekk kif is-sewwieq ma jibqax idawwar il-pedala, u li tista' tilħaq veloċità massima ta' 25km/h;

1.16. 'Prezz tax-xiri tar-rota' tfisser il-prezz totali tax-xiri tar-rota sħiħa inkluża l-VAT, kif muri fuq irċevuta fiskali, madankollu eskluži kwalunkwe partijiet jew aċċessorji addizzjonali u liema prezz tax-xiri tħallas kollu mill-applikant qabel ma japplika għal din l-għotja.

1.17. 'Rota' tfisser kwalunkwe rota li mhix rota li taħdem bil-mutur;

1.18. 'Racks tar-roti' tfisser faċilitajiet għall-parkeġġ tar-roti għal żmien qasir jew fit-tul kif definiti fil-linji gwida li huma maħsuba bħala struzzjonijiet għax-xiri u l-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew faċilitajiet anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija;

1.19. 'Stazzjon tat-tiswija' tfisser unità waħedha mgħammra bl-għodda meħtieġa biex tiffissa, tirranġa u tissewwa l-aktar problemi mekkaniċi komuni bir-roti;

1.20. 'Tagħmir anċillari' tfisser tagħmir, bini, strutturi, kits ta' tiswija u titjib li jespandu l-kumditàu s-sikurezza meħtieġa biex isostnu l-użu ta' rota bħala mezz ta' trasport;

1.21. 'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha mill-Artikolu 2 tal-Att tal-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein.

1.9. 'Local Council' means a local council established under the Local Government Act (Cap. 363 of the Laws of Malta);

1.10. 'Malta' means the Maltese Islands;

1.11. 'Capital expenditure' means expenditure related to the purchase and installation of bicycle racks and/or ancillary facilities and/or repair stations;

1.12. 'Voluntary Organisation' has the same meaning given to it in the Voluntary Organisations Act (Cap. 492 of the Laws of Malta);

1.13. 'Person' means a natural person and does not include any organisational entity;

1.14. 'Person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit, or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, Security, and Employment;

1.15. 'Pedelec' means a pedal electric bicycle whose electric motor is activated as soon as the rider starts pedalling and is deactivated as soon as the rider stops pedalling, and which can reach a maximum speed of 25km/h;

1.16. 'Purchase price of the bicycle' means the total purchase price of the complete bicycle including VAT, as shown on fiscal receipt, however excluding any additional parts or accessories and which purchase price have been paid in full by the applicant prior to applying for this grant.

1.17. 'Bicycle' means any bicycle that is not a motor-powered bicycle;

1.18. 'Bicycle racks' means facilities for short-term or long-term bicycle parking as defined in the guidelines that are intended as instructions for purchase and installation of bicycle racks and/or ancillary facilities and/or repair stations;

1.19. 'Repair station' means a stand-alone unit equipped with the tools needed to fix, tune and repair the most common mechanical problems with bicycles;

1.20. 'Ancillary equipment' means equipment, buildings, structures, repair kits and improvements that expand the comfort and safety necessary to support the use of a bicycle as a means of transportation;

1.21. 'European Union' has the same meaning as is assigned to it by Article 2 of the European Union Act (Cap. 460 of the Laws of Malta), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1. Din l-iskema għal għotja finanzjarja tapplika kif spjegat hawn taħt.

2.2. Għotja ta' darba għax-xiri ta' roti minn persuni residenti Malta

2.2.1. Din l-għotja ta' darba tapplika għan-nefqa li ssir mill-persuni residenti Malta fuq il-prezz tax-xiri ta' rota, liema rota tinxtara mill-applikant matul din l-iskema.

2.3. Għotja għax-xiri ta' roti bil-ħsieb li jkunu offruti għall-kiri

2.3.1. Din l-għotja tapplika għan-nefqa li ssir minn impriżi stabbiliti f'Malta, Organizzazzjonijiet Volontarji, u entitajiet fuq il-prezz tax-xiri ta' rota jew roti maħsuba biex ikunu offruti għall-kiri, liema rota jew roti jinxtraw mill-applikant matul din l-iskema.

2.4. Għotja għall-konverżjoni ta' rota għal Pedelec

2.4.1. Din l-għotja tapplika għall-persuni residenti f'Malta, impriżi stabbiliti f'Malta, Organizzazzjonijiet Volontarji, Kunsill Lokali jew Entitajiet li tikkonverti rota għal pedelec.

2.5. Għotja għall-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija f'postijiet pubbliċi jew fil-bini tal-applikant

2.5.1. Din l-għotja tapplika għan-nefqa kapitali mġarrba mill-impriżi stabbiliti f'Malta, organizzazzjonijiet volontarji, entitajiet, jew Kunsilli Lokali, għall-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija f'postijiet pubbliċi jew fil-bini ta' l-applikant li jridu jkunu provduti għall-użu pubbliku mingħajr ebda ħlas, liema installazzjoni trid tiġi approvata mill-Awtorità skont it-taqsima 3.4.3 matul din l-iskema.

2.5.2. Qabel ma jixtri u jinstalla racks tar-roti u/jew il-faċilitajiet anċillari u/jew l-istazzjonijiet tat-tiswija, l-applikant irid jaqra u jsegwi l-linji gwida li jipprovdu l-ispeċifikazzjonijiet u l-istruzzjonijiet applikabbli. Dawn il-linji gwida huma aċċessibbli mill-paġna ddedikata għal din l-iskema fil-websajt ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt);

2.6. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal għotjiet taħt din l-iskema minn impriżi, jew organizzazzjonijiet volontarji u entitajiet li jwettqu attività ekonomika fit-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE, l-assistenza se tingħata f'konformità mar- Regolament tal-

2. Area of applicability

2.1. This scheme for a financial grant applies as explained hereunder.

2.2. One-Time Grant for the purchase of bicycles by persons residing in Malta

2.2.1. This one-time grant applies to the expenditure incurred by persons residing in Malta on the purchase price of a bicycle, which bicycle is purchased by the applicant during the duration of this scheme.

2.3. Grant for the purchase of bicycles with the intention of being offered for hire

2.3.1. This grant applies to the expenditure incurred by undertakings established in Malta, Voluntary Organisations, and entities on the purchase price of one or more bicycles intended to be offered for hire, which bicycle, or bicycles, are purchased by the applicant during the duration of this scheme.

2.4. Grant for conversion of a bicycle to a Pedelec

2.4.1. This grant applies to persons residing in Malta, undertakings established in Malta, Voluntary Organisations, Local Councils or Entities that convert a bicycle to a pedelec.

2.5. Grant for the installation of bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair station in public locations or within the premises of the applicant

2.5.1. This grant applies to the capital expenditure incurred by undertakings established in Malta, voluntary organisations, entities, or Local Councils, for the installation of bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair stations within public locations or within the applicant's premises which shall be made available for public use free of charge , which installation must be approved by the Authority in terms of Section 3.4.3 during the duration of this scheme.

2.5.2. Prior to purchasing and installing the bicycle racks and/or ancillary facilities and/or repair stations, the applicant must read and follow the guidelines that provide the applicable specifications and instructions. These guidelines are accessible from the page dedicated to this scheme in Transport Malta's website (www.transport.gov.mt);

2.6. State Aid Regulations

In the case of grant applications under this scheme by undertakings, or voluntary organisations and entities that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU, assistance will be provided in line with

Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis (ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023).

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż il-€300,000 għal kull impriża waħda fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna kollha mill-Istat mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat implimentata f'konformità mar-Regolamenti de minimis, inkluż dik li tirċievi minn kwalunkwe entità Maltija għajr Transport Malta, fuq perjodu ta' tliet snin li huwa vvalutat fuq bażi kontinwa. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

L-applikanti kollha li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE għandhom jimlew u jissottomettu, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, formola ta' dikjarazzjoni de minimis iffirmata li tindika kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikata għaliha mill-impriża waħda matul il-perjodu ta' referenza applikabbli ta' tliet snin. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta għandha tinkludi dettalji dwar għajnuna de minimis riċevuta u/jew applikata għaliha mill-impriżi kollha li jiffurmaw parti mill-impriża waħda relatata mal-impriża applikanti. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata u kkonfermata wkoll minn awditur jew accountant bil-warrant.

Mill-1 ta' Jannar, 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema, għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fir-reġistru ċentrali fil-Livell nazzjonali jew tal-Unjoni.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika:

a) l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju,
b) l-ammont tal-għajnuna,
c) id-data tal-għotja,
d) l-istrument tal-għajnuna, u
e) s-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("il-klassifikazzjoni NACE").

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

3.1. Għotja ta' darba għax-xiri ta' roti minn persuni residenti Malta

3.1.1. Applikazzjoni għal din l-għotja trid issir permezz tal-formola ta' applikazzjoni VEH080 f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha.

Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid (OJ L, 2023/2831, 15.12.2023).

The total amount of de minimis aid granted to a single undertaking must not exceed €300,000 per single undertaking over any period of three years.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure implemented in line with the de minimis rule, including that received from any Maltese entity other than Transport Malta, over a rolling period of three years. Any de minimis aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

All applicants that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU are to fill in and submit, together with the application form, a signed de minimis declaration form indicating any de minimis aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year reference period. The information to be provided shall include details regarding de minimis aid received and/or applied for, by all undertakings forming part of the single undertaking related to the applicant undertaking. This declaration shall also be signed and confirmed by a warranted auditor or accountant.

As of 1st January, 2026, information on de minimis aid granted in line with this scheme, shall be made publicly available in the central register at national or Union Level.

The following information shall be made public:

a) the identification of the beneficiary,
b) the aid amount,
c) the granting date,
d) the aid instrument, and
e) the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

3. Manner of application and supporting documents

3.1. One-Time Grant for the purchase of bicycles by persons residing in Malta

3.1.1. An application for this grant must be made through the application form VEH080 in compliance with any conditions stipulated therein.

3.1.2. L-applikazzjonijiet taħt din l- għotja, inklużi d-dokumenti meħtieġa, għandhom jintbagħtu mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tax-xiri tar-rota.

3.1.3. Applikazzjonijiet sottomessi wara dawn it-tliet xhur jitqiesu bħala applikazzjonijiet invalidi.

3.2. Għotja għax-xiri ta' roti bil-ħsieb li jkunu offruti għall-kiri

3.2.1. Applikazzjoni għal din l-għotja trid issir permezz tal-formola ta' applikazzjoni VEH080 f'konformità ma' kwalunkwe kundizzjoni stipulata fiha.

3.2.2. L-applikazzjonijiet taħt din l- għotja, inklużi d-dokumenti meħtieġa, għandhom jintbagħtu mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tax-xiri tar-rota.

3.2.3. Applikazzjonijiet sottomessi wara dawn it-tliet xhur jitqiesu bħala applikazzjonijiet invalidi.

3.3. Konverżjoni ta' rota għal pedelec

3.3.1. Applikazzjoni għal għotja għall-konverżjoni ta' rota għal pedelec għandha ssir mix-xerrej billi jissottometti l-formola tal-applikazzjoni VEH080 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni, dettalji u dokumenti meħtieġa fiha. Is-sid tar-rota għandu jitqies bħala l-applikant aħħari f'termini ta' din l- għotja. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport maħruġ, iffirmat u ttimbrat minn inġinier bil-warrant li jiċċertifika li r-rota konvertita tikkonforma mal-Istandard EN 15194:2017, jew ekwivalenti.

3.4. Għotja għall-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija f'postijiet pubbliċi jew fil-bini tal-applikant

3.4.1. Applikazzjoni għal din l-għotja għandha ssir f'żewġ stadji.

3.4.2. Stadju 1: Qabel ma jiġi affettwat kwalunkwe akkwist u installazzjoni, għandha tiġi sottomessa Taqsima A tal-formola tal-applikazzjoni VEH081, mimlija kif suppost, u li jkun fiha l-informazzjoni, id-dettalji u d-dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola. Il-permess għall-għamara tat-toroq imsemmi f'4.5.3.1 għandu jiġi sottomess bħala dokument ta' sostenn ma' din l-applikazzjoni.

3.4.3. Ladarba l-applikant jirċievi approvazzjoni bil-miktub tal-għotja mill-Awtorità, jista' jibda l-akkwist u l-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjon tat-tiswija.

3.4.4. L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal xi nefqa li ssir minn xi applikant sakemm dan ma jsirx wara approvazzjoni bil-miktub maħruġa mill-Awtorità

3.1.2. Applications under this grant, including the necessary documents, must be submitted no later than three months from the date of purchase of the bicycle.

3.1.3. Applications submitted after these three months will be considered as invalid applications.

3.2. Grant for the purchase of bicycles with the intention of being offered for hire

3.2.1. An application for this grant must be made through the application form VEH080 in compliance with any conditions stipulated therein.

3.2.2. Applications under this grant, including the necessary documents, must be submitted no later than three months from the date of purchase of the bicycle.

3.2.3. Applications submitted after these three months will be considered as invalid applications.

3.3. Conversion of a bicycle to a pedelec

3.3.1. An application for a grant for the conversion of a bicycle to a pedelec shall be made by the owner by submitting paper application form VEH080 along with any information, details and documents required therein. The owner of the bicycle shall be considered as the ultimate applicant in terms of this grant. Applications shall be accompanied by a report issued, signed, and stamped by a warranted engineer certifying that the converted bicycle complies with EN Standard 15194:2017, or equivalent.

3.4. Grant for the installation of bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair stations in public locations or within the premises of the applicant

3.4.1. An application for this grant shall be done in two stages.

3.4.2. Stage 1: Before affecting any procurement and installation, Section A of application form VEH081 shall be submitted, duly filled, and containing all the information, details and documents as required in the said form. The street furniture permit referred to in 4.5.3.1 shall be submitted as supporting documentation with this application.

3.4.3. Once the applicant receives a written approval of the grant from the Authority, the procurement and installation of the bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair station may start.

3.4.4. The Authority shall not be held responsible for any expenditure incurred by any applicant unless this is done following a written approval issued by the Authority in

skont it-taqsima 3.4.3 u skont l-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni li magħha hija relatata din l-approvazzjoni.

3.4.5. Stadju 2: Wara l-installazzjoni sħiħa ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija, għandha tiġi sottomessa Taqsima B tal-formola tal-applikazzjoni VEH081, mimlija kif suppost, u li jkun fiha l-informazzjoni, id-dettalji u d-dokumenti kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola.

3.5. Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt din l-iskema

3.5.1. Applikazzjonijiet elettroniċi taħt din l-iskema, fejn applikabbli, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi permezz tal-e-form aċċessibbli mill-paġna ta' informazzjoni dwar din l-iskema fis-sezzjoni tat-Trasport bl-Art tal-websajt ta' Transport Malta.

3.5.2. L-applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, għandhom jiġu sottomessi mill-applikant matul il-ġranet tax-xogħol bejn is-7.30 a.m. u s-1.00 p.m. jew mibgħuta lill-Unità tal-Liċenzjar tas-Sewwieq u tal-Vetturi (DVLU) ta' Transport Malta fuq:

a) L-ewwel Livell, A3 Towers, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid PLA1212; jew

b) Malta Transport Centre, Triq il-Pantar, Ħal Lija LJA2021; jew

c) Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex.

4. Eliġibbiltà

4.1. Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jikkonforma mat-Taqsima 2.

4.2. Għotja ta' darba għax-xiri ta' roti minn persuni residenti Malta

4.2.1. Biex tikkwalifika, il-vettura trid tkun rota, kif definita f'dan id-dokument, li l-applikant xtara ġdida mingħand il-manifattur, jew l-aġent jew ir-rappreżentant tal-manifattur.

4.2.2. Applikant ikun intitolat għal għotja waħda (1) taħt din l-iskema u taħt l-iskemi kollha għax-xiri ta' rota maħruġa fis-snin preċedenti.

4.3. Għotja għax-xiri ta' roti bil-ħsieb li jkunu offruti għall-kiri

4.3.1. Biex tikkwalifika, il-vettura trid tkun rota, kif definita f'dan id-dokument, li l-applikant xtara ġdida

accordance with section 3.4.3 and in line with the information included in the application to which this approval is related.

3.4.5. Stage 2: Following the complete installation of the bicycle racks and/or ancillary equipment and/or repair stations, Section B of application form VEH081 shall be submitted, duly filled, and containing all the information, details and documents as required in the said form.

3.5. Submission of applications under this scheme

3.5.1. Electronic applications under this scheme, where applicable, together with all the relevant documents, shall be submitted through the e-form accessible from the information page about this scheme in the Land Transport section of Transport Malta's website.

3.5.2. Paper applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted by the applicant during working days between 7.30 a.m. and 1.00 p.m. or mailed to Transport Malta's Driver and Vehicle Licensing Unit (DVLU) at:

a) Level 1, A3 Towers, Arcade Street, Paola PLA1212; or

b) Malta Transport Centre, Pantar Road, Ħal Lija LJA2021; or

c) Licensing and Testing Services Gozo Directorate, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

4. Eligibility

4.1. To be eligible, an applicant shall conform with Section 2.

4.2. One-Time Grant for the purchase of bicycles by persons residing in Malta

4.2.1. To qualify, the vehicle must be a bicycle, as defined in this document, that the applicant purchased new from the manufacturer, or the manufacturer's agent or representative.

4.2.2. An applicant will be entitled to one (1) grant under this scheme and under all schemes for the purchase of a bicycle issued in previous years.

4.3. Grant for the purchase of bicycles with the intention of being offered for hire

4.3.1. To qualify, the vehicle must be a bicycle, as defined in this document, that the applicant purchased

mingħand il-manifattur, jew l-aġent jew ir-rappreżentant tal-manifattur.

4.3.2. Applikant ikun intitolat għal ħamsin (50) għotja taħt din l-iskema.

4.4. Konverżjoni ta' roti għal pedelecs

4.4.1. Biex tikkwalifika għall-iskema għall-konverżjoni ta' roti għal pedelecs, ir-rota konvertita għandha tikkonforma mal-Istandard EN 15194:2017, jew standard ekwivalenti. Fejn jiġi kwotat standard ekwivalenti, l-applikant għandu juri jew jipprova tali ekwivalenza għas-sodisfazzjon tal-Awtorità.

4.5. Għotja għall-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija f'postijiet pubbliċi jew fil-bini tal-applikant

4.5.1. Biex jikkwalifikaw, racks tar-roti u/jew it-tagħmir anċillari u/jew l-istazzjonijiet tat-tiswija għandhom jikkonformaw mal-linji gwida, kif stipulat fit-taqsima 2.5.2.

4.5.2. L-installazzjoni ta' racks tar-roti u/jew tagħmir anċillari u/jew stazzjonijiet tat-tiswija f'postijiet pubbliċi teħtieġ il-permessi li ġejjin:

a) L-installazzjoni ta' Għamara tat-Triq maħruġ mit-Taqsima tal-Konsulenza Teknika ta' Transport Malta skont il-Kapitolu 16 tal-Linji Gwida ppublikati mid-Diviżjoni għall-Immaniġġjar tat-Traffiku ta' Transport Malta.

b) Xogħlijiet fit-toroq jippermettu li jsiru x-xogħlijiet ta' installazzjoni.

5. Ħlas tal-Għotja

5.1. Għotja ta' darba għax-xiri ta' roti minn persuni residenti Malta

5.1.1. Meta applikant jikkwalifika għall-għotja, ikun intitolat għal għotja ta' darba ta' 15.25% fuq il-valur tax-xiri tar-rota, sa massimu ta' €85.

5.1.2. L-għotja titħallas lill-applikant, jew lill-ġenitur/i jew gwardjan/i legali fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax-il sena, permezz ta' kreditu dirett fil-kont bankarju indikat fl-applikazzjoni.

5.1.3. L-għotja mogħtija taħt din l-iskema m'għandhiex tiġi assessjata bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

4.5 This public call is being published in concurrence with a service-wide call for the post of Senior Legal Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness as published on Friday 30th May 2025 through Circular No HR/MEEC 28/2025. Applicants who are successful under the service-wide call will be given precedence over those which are successful under the public call. Appointment is moreover subject to the availability of vacancies within the validity period of the result.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials,

kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;

copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 13th June, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;

livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (sustainability.gov.mt) u (humanresources.meec@gov.mt).

It-30 ta' Mejju, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Bord ta' Evalwaturi ta' Kotba tal-Qari bil-Malti diġà ppubblikati

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala parti minn Bord ta' Evalwaturi ta' kotba tal-qari bil-Malti, diġà ppubblikati mid-djar tal-pubblikazzjoni Maltin, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz.

Għanijiet

Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fis-sit elettroniku (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), f'kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn taħt. Ir-rati tal-ħlas offruti mill-persuni interessati m'għandhomx jaqbżu r-rati (eskluża l-VAT) provduti f'din l-Espressjoni ta' Interess.

1. Kotba għat-tfal (etajiet sa 7 snin)

i. minn 16 sa 20 paġna – €3
ii. sa 30 paġna – €5

2. Kotba għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)

i. sa 50 paġna – €10
ii. sa 100 paġna – €20

comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving department/division/directorate are (sustainability.gov.mt) and (humanresources.meec@gov.mt).

30th May, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for an Evaluation Board of already published reading books in Maltese

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals who wish to offer their services as part of an Evaluation Board to evaluate already published reading books in Maltese to express their interest in providing this service.

Objectives

Interested individuals are required to submit their proposed rates (excluding VAT) per book evaluated, according to the checklist available at (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), for each of the following categories mentioned below. The rates provided below should be considered as the maximum allowable rates.

1. Books for children (ages up to 7 years)

i. From 16 to 20 pages – €3
ii. Up to 30 pages – €5

2. Books for children (ages 8 to 12 years)

i. Up to 50 pages – €10
ii. Up to 100 pages – €20

3. Kotba għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 16-il sena)

i. sa 500 paġna – €40

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/205) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Responsabbiltajiet

Ir-responsabbiltajiet tal-membri tal-Bord tal-Evalwaturi:

Xogħol b'mod indipendenti:

L-evalwaturi huma mitluba jelenkaw żbalji fil-kotba kemm ortografiċi kif ukoll grammatikali.

Għandhom jikklassifikaw il-kotba f'kategoriji xierqa skont l-età.

Laqgħat fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu:

Il-Bord tal-Evalwaturi hu mistenni jitlaqqa' mhux inqas minn tliet darbiet fis-sena fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu. Din il-laqgħa titħallas b'rata fissa ta' €10.58 għall kull siegħa lill-membri tal-bord.

Ħtiġiet għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi/illustraturi ta' kotba bil-Malti jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.

L-applikanti jistgħu jkunu edukaturi, librara (li ma jaħdmux direttament ma' pubblikaturi) jew persuni oħra li huma midħla tal-letteratura tat-tfal.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom:

kwalifika fil-Malti fil-Livell 6 tal-MQF; u

ċertifikat validu fil-qari tal-provi bil-Malti fil-Livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki Nazzjonali (MQF) 'Ċertifikat tal-Qari tal-Provi fil-Malti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti flimkien mal-Università ta' Malta', flimkien ma' 'Xhieda ta'

3. Books for adolescents (ages 13 to 16 years)

i. Up to 500 pages – €40

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/205) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Responsibilities

Responsibilities of the Members of the Evaluation Board:

Tasks to be carried out independently:

Evaluators are required to identify and list spelling and grammatical errors in the books.

They must classify the books into appropriate categories according to age.

Meetings at the National Literacy Centre:

The Evaluation Board is expected to meet not less than three times per year at the National Literacy Centre. This meeting is paid at a fixed rate of €10.58 per hour to board members.

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications, presented in the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Applicants must not be authors/illustrators of Maltese books or current employees of local publishing houses.

Applicants may be educators, librarians (with no professional ties to publishers), or other individuals who are familiar with children's literature.

Applicants must be in possession of:

a qualification in Maltese at MQF Level 6; and

in possession of a valid certificate in the proofreading of the Maltese language at Level 5 of the Malta Qualifications Framework (MQF) 'Ċertifikat tal-Qari tal-Provi fil-Malti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti flimkien mal-Università

Għarfien' maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Jekk iċ-ċertifikati ma jibqgħux validi sal-għeluq ta' din l-Espressjoni ta' Interess, trid tintbagħat dikjarazzjoni li turi li ċ-ċertifikati se jiġu mġedda sal-għeluq tal-Espressjoni ta' Interess.

L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista. L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibagħtilna invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull sitt (6) xhur. Kull Operatur Ekonomiku ser jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu lis-Sa Marouska Falzon Cutajar fl-indirizz elettroniku (marouska.falzon.cutajar@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

Is-sottomissjonijiet fiżiċi għandhom jiġu indirizzati lil:

Attn: Is-Sa Marouska Falzon Cutajar
Senior Manager
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu,
Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu
Triq Ġużè Abela Scolaro
Il-Ħamrun HMR 1304

Sottomissjonijiet bil-posta rreġistrata jew bl-idejn għandhom jaslu sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025, bejn mid-9.00 a.m. sa nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/205).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (marouska.falzon.cutajar@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3304.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-30 ta' Mejju, 2025

ta' Malta', together with 'Xhieda ta' Għarfien' issued by Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. If the certificates expire before this EOI, a declaration must be provided stating that the certificates will be renewed by the submission deadline.

Applicants are required to attend an interview. The Agency reserves the right to contact only eligible applicants who offer the most competitive rates.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six (6) months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

Digital submissions must be sent to Ms Marouska Falzon Cutajar (marouska.falzon.cutajar@ilearn.edu.mt) by not later than Friday, 13th June, 2025, at noon.

Physical submissions must be addressed to:

Attn: Ms Marouska Falzon Cutajar
Senior Manager
National Literacy Agency
National Literacy Centre
Triq Ġużè Abela Scolaro
Ħamrun HMR 1304

Submissions sent by registered mail or delivered by hand must reach the Agency not later than Friday, 13th June, 2025, from 9.00 a.m. to noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/205).

Further queties may be obtained by email to (marouska.falzon.cutajar@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3304.

Late applications will not be considered.

30th May, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Manager taċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni (full-time), mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (kuntratt definit)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 521/2025 (l-ewwel sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Manager taċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni (full-time) fuq bażi ta' kuntratt definit.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla (tal-anqas 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) li jinkludi modulu/i fil-loġistika u/jew fil-ġestjoni tal-katina tal-provvista jew f'oqsma relatati*. Se tingħata preferenza lil kandidati bi kwalifika rilevanti* fil-Livell 7 tal-MQF. Kwalifiki professjonali komparabbli li huma rikonoxxuti jiġu aċċettati, suġġetti għad-dokumentazzjoni rilevanti mill-MQRIC. Id-dokumentazzjoni mill-MQRIC hija meħtieġa wkoll meta jiġu ppreżentati kwalifiki miksuba barra minn Malta. Fi kwalunkwe każ, iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jkun akkumpanjat mit-traskritt jew diploma suppliment li juri l-moduli miksuba fil-programm korrispondenti.

U

2. Esperjenza ta' xogħol rilevanti ta' mill-inqas ħames (5) snin. Evidenza dokumentata tal-esperjenza ta' xogħol hija meħtieġa. Se tingħata preferenza lil kandidati li għandhom esperjenza li tinkludi dmirijiet u responsabbiltajiet relatati mal-kotba u/jew l-industrija tal-istampar.

U

3. Ħila tajba fil-Malti u bl-Ingliż, kemm mitkellma kif ukoll miktuba, sostnuta tal-anqas permezz ta' kwalifika fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u bl-Ingliż, jiġifieri SEC (Gradi 1-5) jew GCE (Gradi A-C), jew ekwivalenti.

U

4. Kompetenza għolja fl-applikazzjonijiet tal-ICT, inklużi spreadsheets u databases. L-esperjenza fl-użu ta' library management software tkun meqjusa bħala vantaġġ.

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom l-esperjenza msemmija fi (2) f'pożizzjoni ta' tmexxija.

*Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jippreżentaw ġustifikazzjoni sostnuta b'evidenza dwar ir-rilevanza tal-kwalifika mal-għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa biex

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Senior Manager, Distribution Centre (full-time), within the National Literacy Agency (definite contract)

Jobsplus Permit Number: 521/2025 (first call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Senior Manager, Distribution Centre, on a definite contract.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent) that includes module/s in logistics and/or supply chain management or related areas*. Preference will be given to candidates with a relevant* MQF Level 7 degree. Recognised comparable professional qualifications will be accepted, subject to the relevant MQRIC statement. An MQRIC statement is invariably required when presenting overseas qualifications. In any case, the qualification certificate must be accompanied by the transcript or diploma supplement listing the modules achieved in the corresponding programme.

AND

2. A minimum of five (5) years' relevant work experience. Documented evidence of work experience is required. Preference will be given to candidates with experience which included duties and responsibilities related to books and/or the printing industry.

AND

3. Proficiency in spoken and written Maltese and English, evidenced by means of a minimum of MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5) or GCE (Grades A-C), or equivalent.

AND

4. High competency in ICT applications, including spreadsheets and databases. Experience using library management software would be desirable.

Due consideration will be given to candidates whose prior experience referred to in (2) has been in a management position.

*It is the responsibility of the applicant to submit an evidence-backed justification of the relatedness or relevance of the area to the knowledge, skills and competencies

jintlaħqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet marbutin ma' din il-kariga. Id-deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni jew rifjut ta' din il-ġustifikazzjoni tkun f'idejn il-bord tal-għażla, u d-deċiżjoni tal-bord f'dan il-każ hija waħda finali.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-30 ta' Mejju, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tal-Litteriżmu permezz tal-Isports (full-time), mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 519/2025 (l-ewwel sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tal-Litteriżmu permezz tal-Isports, full-time, b'kuntratt indefinit.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibilità sad-data tal-għeluq:

1. Id-Diploma UEFA C jew kwalifika ta' kowċ tal-futbol rikonoxxuta ekwivalenti jew ogħla;

2. Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza bħala plejer tal-futbol;

3. Mill-inqas tliet (3) snin esperjenza bħala kowċ fil-futbol;

4. Esperjenza ta' mill-inqas sena bħala plejer jew kowċ mat-tim nazzjonali tal-futbol JEW tal-anqas tliet snin bħala plejer tal-futbol jew kowċ fl-ogħla diviżjoni tal-futbol Malti (Premier jew Women's League) JEW kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla fl-isport jew oqsma relatati mal-isport;

required to fulfil the duties and responsibilities of this role. The remit to accept or reject this justification rests with the selection board and the decision of the selection board on the matter is final.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NLC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday 13th June, 2025, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

30th May, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for full-time Enhancing Literacy through Sports Resource Leader within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 519/2025 (first call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Enhancing Literacy through Sports Resource Leaders, full-time, on an indefinite contract.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. UEFA C Diploma or equivalent or higher recognised coaching qualification;

2. At least five (5) years experience as a footballer;

3. At least three (3) years coaching experience in football;

4. Experience of at least one year as a player or coach with the national football team OR at least three years as a footballer or coach in top-tier Maltese football (presently, the Premier League/Women's League) OR a recognised degree at MQF Level 6 or higher in sports or sports related fields;

5. Ċertifikat li juri li temmew l-edukazzjoni sekondarja;

6. Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT speċjalment Word u email, jew ekwivalenti;

7. Ħakma tajba tal-Malti u l-Ingliż, mitkellma u miktuba;

8. Ċertifikat validu tal-First Aid. Dawk il-kandidati li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jiġu kkunsidrati wkoll iżda jkollhom jagħmlu kors tal-First Aid fl-iqsar żmien possibbli.

Il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu msieħba b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jintehmżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telephone 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-30 ta' Mejju, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Kordinatur tal-Komunikazzjoni (Fondi tal-UE)

Dwar ir-Rwol

Il-Kordinatur tal-Komunikazzjoni se jkun responsabbli għall-ippjanar, l-eżekuzzjoni, u l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni għal proġett tal-UE mogħti lill-KMA taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+). Dan l-irwol jinkludi l-kordinament ta' sforzi ta' relazzjonijiet pubbliċi, l-akkwist ta' servizzi ta' komunikazzjoni, il-ġestjoni tal-ħolqien tal-kontenut, u l-iżgurar tal-konformità mal-linji gwida ta' viżibbiltà tal-UE.

5. Completion of secondary school education;

6. Competency in IT applications especially Word and email, or equivalent;

7. Fluency in Maltese and English, spoken and written;

8. Hold a First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course within one year of engagement.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, National Literacy Centre, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 13th June, 2025, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

30th May, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

Communications Coordinator (EU funds)

About the Role

The Communications Coordinator will be responsible for planning, executing, and managing communication activities for an EU project awarded to ACM under the European Social Fund Plus (ESF+). This role includes coordinating public relations efforts, procuring communication services, managing content creation and ensuring compliance with EU visibility guidelines.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Il-Kordinatur tal-Komunikazzjoni se:

Jiżviluppa u jimplimenta pjan ta' komunikazzjoni komprensiv sabiex jiżgura viżibbiltà għall-proġett f'konformità mal-linji gwida ta' komunikazzjoni u viżibbiltà tal-UE;

Jikkollabora mal-Maniġer tal-Proġett u l-PPCS sabiex jallinja l-komunikazzjoni kollha mal-għanijiet tal-proġett u l-linji gwida tal-UE, sabiex jiżgura preċiżjoni u puntwalità;

Jakkwista servizzi ta' fotografija u vidjografija sabiex jiddokumenta attivitajiet u avvenimenti ewlenin tal-proġett, u jipproduċi kontenut viżwali ta' kwalità għolja għad-disseminazzjoni u r-rappurtaġġ;

Jikkordina l-akkwist ta' servizzi ta' disinn u produzzjoni għal materjali promozzjonali, bħal strixxuni u kartelluni, sabiex jiżgura konformità mar-rekwiżiti ta' komunikazzjoni u viżibbiltà tal-UE;

Jissorvelja l-ħolqien ta' kontenut u l-kurazzjoni tal-mezzi soċjali, il-website, l-ittriaħbar, u l-istqarrijiet tal-KMA, u jingaġġa fornituri ta' servizzi rilevanti skont il-bżonn;

Jimmaniġġja l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni tal-midja, inkluż stqarrijiet, kordinament ġurnalistiku, u faċilitazzjoni ta' intervisiti sabiex tiġi promossa l-viżibbiltà tal-proġett;

Jissorvelja u jirrapporta fuq attivitajiet ta' komunikazzjoni, u jevalwa kemm dawn qed jilħqu u jsibu interazzjoni mannies, filwaqt li jaġġusta l-istrateġija sabiex jissaħħaħ l-impatt tagħha;

Imantni kalendarju ta' kontenut sabiex tiġi skedata u segwita l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' aġġornamenti, avvenimenti, u kisbiet ewlenin tal-proġett;

Jattendi avvenimenti ewlenin tal-proġett sabiex jikkordina sforzi ta' dokumentazzjoni (eż. fotografija, vidjografija) u jiżgura li kontenut rilevanti huwa miġbur għad-disseminazzjoni;

Iwettaq impenji relatati mal-komunikazzjoni skont il-gwida tal-Maniġer tal-Proġett jew ta' rappreżentanti awtorizzati tal-KMA.

Kwalifiki u Esperjenza

Fil-pussess ta':

Grad ta' Baċċellerat rikonoxxut ta' Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fil-Komunikazzjoni, Marketing, jew qasam relatat;

Main Responsibilities

The Communications Coordinator will:

Develop and implement a comprehensive communications plan to ensure project visibility in line with EU communication and visibility guidelines;

Collaborate with the Project Manager and PPCD to align all communications with project goals and EU guidelines, ensuring accuracy and timeliness;

Procure photography and videography services to document key project activities and events, producing high-quality visual content for dissemination and reporting;

Coordinate the procurement of design and production services for promotional materials, such as roll-up banners and posters, ensuring compliance with EU communication and visibility requirements;

Oversee content creation and curation for ACM's social media channels, website, newsletters, and press releases, engaging relevant service providers as necessary;

Manage media outreach efforts, including press releases, journalist coordination, and interview facilitation to promote project visibility;

Monitor and report on communication activities, assessing reach and engagement and adjusting strategies to enhance impact;

Maintain a content calendar to schedule and track the timely publication of project updates, events, and key milestones;

Attend key project events to coordinate documentation efforts (e.g. photography, videography) and ensure relevant content is collected for dissemination;

Undertake other communication-related tasks as directed by the Project Manager or other authorised ACM representatives.

Qualifications and Experience

In possession of:

A recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in Communications, Marketing or a related field;

Minimu ta' sentejn esperjenza fil-komunikazzjoni, marketing, jew PR, preferibbilment fi ħdan proġetti ffinanzjati mill-UE jew fis-Settur Pubbliku.

Ħiliet u Kompetenzi

Ħiliet ta' komunikazzjoni verbali u bil-miktub eċċellenti, kemm bl-Ingliż u kemm bil-Malti;

Proficjenza fil-ġestjoni ta' marketing diġitali u midja soċjali;

Proficjenza fil-kordinazzjoni ta' kull aspett ta' komunikazzjoni tal-avvenimenti, li jkopru relazzjonijiet tal-midja, loġistika, materjali ta' promozzjoni, u l-ħolqien ta' kontenut;

Abbiltà b'saħħitha biex jikkollabora effettivament ma' timijiet interni, imsieħba tal-proġett, u fornituri tas-servizzi;

Organizzat ferm u b'attenzjoni għad-dettall, kif ukoll b'ħiliet b'saħħithom ta' ġestjoni tal-proġett u impenn biex ilaħħaq ma' termini ta' skadenza;

Kapaċi jadatta u flessibbli, u kapaċi jikkordina diversi inkarigi f'salt f'ambjent ta' proġett dinamiku.

Fl-assenza ta' evidenza dokumentarja ta' kretti ECTS/ ECVET jew ta' sistema oħra li tkejjel il-kontenut tal-kors, il-bord ta' selezzjoni se jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina jekk dan ikunx komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET. Il-parir tal-MQRIC jista' jiġi mfittex f'din l-eventwalità.

Kwalifiki ogħla mil-livell speċifikat hawn fuq jiġu aċċettati għal skopijiet ta' eliġibbiltà, provdut li dawn jilħqu kwalunkwe rekwiżit speċifiku tas-suġġett.

Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma akkwistawx formalment kwalunkwe minn dawn il-kwalifiki msemmija hawn fuq se jkunu kkunsidrati, provdut li jissottomettu evidenza li huma ġew approvati għall-għotja ta' dawn il-kwalifiki inkwistjoni, jew li lestew b'suċċess il-kretti ECTS/ ECVETS neċessarji, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF, skont kif rekwiżit fil-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija qabel, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet.

Kuntratt

Il-kandidat/a magħżul/a se jingħata Kuntratt ta' Servizz ta' tliet (3) snin, fuq bażi part-time (10 sigħat fil-ġimgħa) minn Ġunju 2025 sa Diċembru 2028.

Dan se jkun iwieġeb lis-COO (Fondi u Strateġija), u jopera b'sigħat flessibbli sabiex jilħaq il-bżonnijiet u r-rekwiżiti tal-

Minimum of 2 years' experience in communications, marketing or PR, preferably within EU-funded or Public Sector projects.

Skills and Competencies

Excellent written and verbal communication skills in English and Maltese;

Proficiency in digital marketing and social media management;

Proficient in coordinating all communication aspects of events, encompassing media relations, logistics, promotional materials, and content creation;

Strong ability to collaborate effectively with internal teams, project partners, and service providers;

Highly organised and detail-oriented, with strong project management skills and a commitment to meeting deadlines;

Adaptable and flexible, capable of handling diverse several tasks in a dynamic project environment.

In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

Contract

The selected candidate will be awarded a three (3) year Contract for Service, on a part-time basis (10 hours per week) from June 2025 until December 2028.

Answerable to the COO (Funding and Strategy), operating with flexible hours to meet the demands and

pożizzjoni. Il-kandidat magħżul ikun mitlub jaħdem fi ħdan ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-remunerazzjoni hija ta' €7,070 (eskluża l-VAT iżda inkluż kwalunkwe taxxi u miżati oħra) fis-sena.

Il-pagamenti se jkunu pproċessati kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti wara li dan jirċievi fattura b'numru tal-VAT validu.

Applikazzjonijiet

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat li jikkonċernaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kiwstjonijiet relatati mal-impjieg permezz tal-applikazzjoni ta' dak l-istess pajjiż ta' leġiżlazzjoni tal-UE jew proviżjonijiet tat-trattat li jikkonċernaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati ma' impjieg ai termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE jew proviżjonijiet tat-trattat imsemmija hawn fuq, akkont tal-fatt tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'paragrafi (a), (b), jew (c); jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' resident fit-tul f'Malta taħt ir-regolament 4 ta' 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006)', jew li ngħataw permess ta' residenza taħt regolament 18(3) tal-istess, flimkien ma' membri tal-familja tal-istess ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza taħt il-'Family Reunification Regulations, 2007'; jew

(f) persuni fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ ai termini tar-'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta' f'konformità mal-Ftehim tal-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandu jiġi miksub skont il-bżonn fl-interpretazzjoni ta' dawn il-proviżjonijiet ta' hawn fuq.

requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €7,070 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra tal-kandidati riferuta f'punti (b), (c), (d), (e), u (f) hawn fuq tkun tinneċessita l-ħruġ ta' liċenzja tal-impjieg skont kif mitlub mill-Att tal-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandu jiġi kkonsultat skont il-bżonn fuq din il-kwistjoni.

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji ċċertifikati vera taċ-ċertifikati tagħhom lil (vacancies@artscouncil.mt).

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin huma meħtieġa li jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), li trid tiġi miksuba billi wieħed jissottometti applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali għandha tiġi ppreżentata fl-intervista.

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni hija t-Tnejn, 9 ta' Ġunju, 2025, f'nofsinhar

Applikanti eliġibbli jintablu jattendu għal intervista ta' selezzjoni.

It-30 ta' Mejju, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Amministratur tal-Proġett (Fondi tal-UE)

Dwar ir-rwol

Il-kandidat magħżul se jkun qed jipprovdi appoġġ amministrattiv għal proġett tal-UE mogħti lill-KMA taħt il-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+), u jassisti fl-implimentazzjoni f'waqtha tal-attivitajiet tal-proġett u jiżgura konformità mar-regolamenti nazzjonali u tal-UE.

Responsabbiltajiet Ewlenin

L-Amministratur tal-Proġett se:

Jipprovdi appoġġ amministrattiv ta' kuljum għall-implimentazzjoni tal-proġett;

Imantni dokumentazzjoni preċiża u aġġornata tal-proġett, inkluż kuntratti, timesheets, rekords ta' attendenza, dokumentazzjoni ta' akkwist, u fatturi;

Jappoġġja l-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' rapporti, eżerċizzji ta' verifika, u evalwazzjonijiet;

Jikkordina loġistika għal attivitajiet tal-proġett, inkluż laqgħat, sessjonijiet ta' taħriġ, avvenimenti, u vvjaġġar;

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and certified true copies of certificates to (vacancies@artscouncil.mt).

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Monday, 9th June, 2025, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

30th May, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

Project Administrator (EU Funds)

About the Role

The selected candidate will provide administrative support for an EU project awarded to ACM under the European Social Fund Plus (ESF+), assisting in the timely implementation of project activities and ensuring compliance with EU and national regulations.

Main Responsibilities

The Project Administrator will:

Provide day-to-day administrative support for project implementation;

Maintain accurate and up-to-date project documentation, including contracts, timesheets, attendance records, procurement files, and invoices;

Support the preparation and submission of project reports, audits, and evaluations;

Coordinate logistics for project activities, including meetings, training sessions, events, and travel;

Jabbozza aġendi u minuti għal-laqgħat u jiżgura azzjoni f'waqtha fuq punti ta' azzjoni;

Jissorvelja termini ta' skadenza tal-proġett, eżiti, u konformità mar-regolamenti tal-ESF+ u l-Manwal ta' Proċeduri;

Jikkordina ma' dipartimenti interni, imsieħba, u partijiet interessati sabiex jiġbor u jsegwi d-dokumentazzjoni u d-data meħtieġa;

Imantni sistemi diġitali u fiżiċi ta' arkivjar f'konformità mal-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti tal-UE;

Jassisti fis-segwitu tal-ispejjeż tal-proġett, jiġbor dokumentazzjoni finanzjarja, u jikkompila data finanzjarja u statistika;

Jiżgura viżibbiltà u pubbliċità xierqa f'konformità mal-Linji Gwida tal-Identità Viżwali tal-ESF+;

Jattendi u jieħu l-minuti ta' laqgħat tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Proġett skont il-bżonn;

Jirrapporta regolarment lill-Maniġer tal-Proġett fuq il-progress, l-iżborżi, ir-riskji, u kwistjonijiet amministrattivi;

Jikkopera mal-Awtorità ta' Ġestjoni u l-awdituri skont il-bżonn;

Iwettaq impenji oħra skont kif assenjati mill-Maniġer tal-Proġett jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tal-KMA.

Kwalifiki u Esperjenza

Fil-pussess ta':

Kwalifika rikonoxxuta ta' Livell 5 tal-MQF f'Public Administration, Business Administration, Cultural Management, jew qasam ieħor relatat;

Minimu ta' sentejn esperjenza fi rwoli amministrattivi jew irwoli li jinvolvu appoġġ għal proġetti, preferibbilment fi ħdan proġetti ffinanzjati mill-UE jew fis-Settur Pubbliku.

Ħiliet u Kompetenzi

Ħiliet ta' organizzazzjoni u tal-ġestjoni tal-ħin eċċellenti, b'attenzjoni b'saħħitha għad-dettall;

Proficjenza fil-Microsoft Office (Word, Excel, Outlook, Teams);

Ħiliet ta' komunikazzjoni verbali u bil-miktub b'saħħithom, kemm bl-Ingliż u kemm bil-Malti;

Draft agendas and minutes for meetings and ensure timely follow-up on action points;

Monitor project timelines, deliverables, and compliance with ESF+ regulations and the Manual of Procedures;

